MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 595/2009

**Go Plc (C22334)**
**Vs**
**Zaid Adbussalem El Gasi (ID76701L) u/jew Innocenza El gasi (ID483559M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ elf, erba’ mija u sittax-il ewro u dsatax-il ewro centezmu (€1416.19) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuti lil Go plc in konnessjoni mas-servizzi telefonici li jgibu n-numru 2146 2172 gja 2146 2155, 2137 1627, 2137 3825, 2137 3824 (CN1064338 AC 40008458, 10131678 u 10131677 rispettivament) skont kontijiet mibghuta lilhom u skont kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba mmarkati IZY 1,2,3,4,5, u 6.

Illi l-konvenuti gew nterpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghal hlas, izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kontra l-konvenuti.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-konvenuti naqsu li jidhru ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu fis-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010 mill-Avukat Keith Grech.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti naqsu milli jipprovaw il-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------